MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1036/2005

**HSBC Bank Malta p.l.c. (3177)**
**vs**
**Nutar Alexander sive Sandro Schembri Adami LL.D. (I.D. 488463 M)**

## Il-Qorti

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta attrici ppremettiet illi:

Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont kumplessiv ta' sbatax il-elf, tmien mija u sitt liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm17,806.85c) rapprezentanti in kwantu ghal sbatax il-elf, tlett mija u erba' u ghoxirin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm17,324.50) kapital u erba' mija u tnejn u tmenin liri

Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm482.35) imghax sa l-20 ta’ Settembru 2005, oltre imghaxijiet dovuti sad-data tal-pagament effettiv ta’ ammont dovut mill-konvenut skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Sarah Ann Agius datat 15 ta’ Lulju 2003 (Dok.A u Dok B).

Peress li ghalkemm interpellat sabiex ihallas l-ammont dovut il-konvenut baqa’ ma hallasx dan l-ammont.

Peress li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-attur qieghed jipprezenta ma’ din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok C).

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont komplessivament dovut ta’ sbatax il-elf, tmien mija u sitt liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm17,806.85c) kif fuq spjegat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 27 ta’ Settembru 2005 u bl-imghax legali fuq is-somma intiera ta’ Lm17,806.85 mill-20 ta’ Settembru 2005 sad-data tal-prezentata tal-prezenti, oltre l-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------